

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000026/2014

lill-Kunsill

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Jean Lambert, Nikos Chrysogelos, Franziska Keller, H el ene Flautre, Judith Sargentini

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Suġġett: Respingimenti 'l barra mill-kosta tal-Greċja (Farmakonisi) li rriżultaw fil-mewt ta' rifuġjati

Hekk kif il-Greċja assumiet il-Prezidenza tal-UE, dgħajsa li kienet qiegħda  ġorr 26 Afgan u 2 Sirjani nqalbet 'il barra mill-kosta tal-Greċja (viċin il-g zira ta' Farmakonisi) waqt li kienet qiegħda tiġi rmunkata mill-gwardja tal-kosta Griega, apparentement lejn it-Turkija, fatt li rriżulta f'2 imwiet u 10 persuni ma nstabux. Is-superstiti rrapportaw li d-dgħajsa tal-gwardja tal-kosta Griega kienet qiegħda  żid il-veloċit  u li l-gwardji tal-kosta Griegi ppruvaw effettivament jipprevjenu lir-rifuġjati milli jtilgħu fuq id-dgħajsa tagħhom billi tawhom daqqiet ta' sieq biex jitfgħuhom lura l-baħar.

Il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u l-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem tennew l-appelli tagħhom lill-Greċja biex ittemm it-tke ċċijiet kollettivi, u l-NGOs internazzjonali (ProAsyl u Amnesty) huma fil-pussess ta' provi li l-gwardji tal-fruntiera u tal-kosta Griegi jwettqu regolarment operazzjonijiet ta' respinġiment ("push-backs"). Skont ir-rapporti, in-nies li qegħdin ifittxu protezzjoni fl-Ewropa qegħdin jiġu sistematikament u brutalment impediti milli jidħlu fit-territorju Grieg. Ir-rifuġjati qegħdin jiġu msawta mill-awtoritajiet Griegi, esposti mill- did għall-elementi f'dgħajjes mhux idonei għat-tbaħħir fl-ibħra miftuħa u jitneħħewlhom il-flus, it-telefons  ellulari u d-dokumenti ta' identit . L-awtoritajiet Griegi ma jivverifikawx jekk in-nies għandhomx b zonn protezzjoni. Kważi dawn il-vjolazzjonijiet kollha tad-drittijiet tal-bniedem qegħdin jiġu kommessi fi ħdan i -żona ta' operazzjoni ta' Frontex (l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-UE).

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq:

1. Kif se jiżgura l-Kunsill li jsiru l-investigazzjonijiet ta' dawn il-provi ta' respingimenti sistematiki u ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tal-awtoritajiet Griegi? Il-Greċja  adet provvedimenti dixxiplinari adegwati kontra l-gwardji tal-fruntiera u tal-kosta li kisru d-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati jew l-obbligi ta' protezzjoni internazzjonali u, jekk fl-affermattiv, b'liema mod u f'kemm-il każ?
2. Il-Kunsill sejjer jinvestiga r-rwol tal-UE u tal-aġenziji tagħha bħala kompliċi tar-respingimenti u tal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem mal-fruntieri esterni tal-UE?
3. Il-Kunsill iqis li Frontex imissha tissospendi l-operazzjonijiet mal-fruntiera bejn il-Greċja u t-Turkija u fil-Baħar Eġew minħabba vjolazzjonijiet gravi tad-drittijiet tal-bniedem kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Frontex?

Imressqa: 29.1.2014

Mgħoddija: 30.1.2014

L-iskadenza għat-tweġiba: 20.2.2014